# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LI**
**Illum l-Erbgha, 23 ta' Mejju, 2001**

**Appell Nru 60/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

***omissis***
**Jeremy Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Antoine Zammit u Jeremy Farrugia talli (**1**) fin-Naxxar f'xi hin bejn it-Tlieta, 31 ta' Awissu u l-Erbgha, 1 ta' Settembru, 1999 ikkommettew serq ta' *television* tal-kulur tad-ditta Pioneer, *video recorder* tad-ditta VHS Funai u *decoder* tal-*cable* a dannu ta' Catherine Saydon mir-residenza taghha Frendo Flats, Flat no. 1, Parish Street, Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur globali ta' aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira, bil-persuna u bil-lok; (**2**) Antoine Zammit wahdu kien akkuzat li f'dawn l-ahhar zminijiet f'dawn il-Gzejjer xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (**3**) Jeremy Farrugia wahdu kien akkuzat li kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 u dan in vista ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Lulju, 1999 li permezz taghha huwa kien tqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghall-periodu ta' sentejn; (**4**) kif ukoll Jeremy Farrigia wahdu kien akkuzat li kiser il-Provvediment ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 u dan in vista ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Jannar, 1999 li permezz taghha huwa kien tqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghall-periodu ta' tlett snin; (**5**) fl-ahhar nett Jeremy Farrugia kien akkuzat li sar recidiv in vista taz-zewg sentenzi hawn aktar 'l fuq imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet (i) lil **Antoine Zammit** mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni, izda sabitu hati skond it-tieni mputazzjoni u lliberatu skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma

jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur, u (ii) sabet lil **Jeremy Farrugia** mhux hati skond ir-raba' imputazzjoni, izda sabitu hati skond l-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet u kkundannatu sentejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jeremy Farrugia, minnu ppresentat fit-2 ta' April, 2001; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat;

L-appellant Farrugia ghandu diversi aggravji, pero` din il-Qorti tara li hu bizzejjed li wiehed jikkunsidra biss tnejn minnhom, u cioe` li l-ewwel qorti, biex waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija fir-rigward tieghu, ma setghetx tiehu in konsiderazzjoni, kif effettivament ghamlet, dak li stqarr Antoine Zammit; kif ukoll li l-ewwel qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-mahfra tad-derubata li tigi omm l-appellant.

Jinghad bla tlaqliq li l-appellant ghandu ragun, u per konsegwenza dana l-appell ser jigi milqugh, u dana ghar-ragunijiet segwenti.

L-imputazzjoni principali – l-ewwel imputazzjoni – kontra l-appellant Jeremy Farrugia hija dik ta' serq a dannu ta' ommu (Catherine Saydon) u mill-fond fejn huwa stess kien jghix maghha. Issa, l-involviment ta' Farrugia f'dina s-serqa tirrisulta biss mill-istqarrija li Antoine Zammit ghamel lill-pulizija (fol. 89) u mid-deposizzjoni ta' l-istess Antoine Zammit (fol. 119) minnu moghtija f'dawn l-istess proceduri (cioe` quddiem l-ewwel qorti) fejn hu kien ko-akkuzat ma' Farrugia. Mis-sentenza appellata jidher car li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni ix-xiehda ta' Zammit u ghaddiet biex tfittex korroborazzjoni ghal dik ix-xiehda biex b'hekk tapplika r-regola kontenuta fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 639 tal-Kodici Kriminali. In fatti l-ewwel qorti qalet hekk:

> "Illi ghal dak li jirrigwarda l-imputat l-iehor, Jeremy Farrugia, li cahad kull involviment f'din is-serqa, stante li l-qorti hija prekluza, gja la darba l-imputati huma ko-akkuzati, li tistrieh biss fuq ix-xiehda tal-ko-imputat Zammit jekk ma jkunx hemm almenu fattur sostanzjali ta' korroborazzjoni, irricerkat mill-provi in atti, kif kien id-dover taghha, li tara jekk dan il-fattur korroboranti rrisultax" (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali).

Hu evidenti minn dan il-bran li l-ewwel qorti kkonfondiet zewg regoli: ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) li tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, u r-regola l-ohra li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz (ara f'dan is-sens ***Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri*** Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; ***Il-Pulizija v. Toni Pisani*** Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; ***Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Karmenu Vella*** Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; ***The Police v. Alfred W. Luck et.*** Appell

Kriminali, 25 ta' April, 1949; ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara*** Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; ***Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et.*** Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; ***Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri u Theresa Agius*** Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u *passim* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et.*** Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998). Fil-kaz in dizamina meta xehed Zammit hu kien ghadu ko-akkuzat ma' Farrugia, u ghalhekk id-deposizzjoni tieghu ma setghetx tittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti, hlief, naturalment, bhala prova favur jew kontra l-istess Zammit. Ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija ta' Zammit minnu maghmula lill-pulizija japplika, s'intendi, l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali. Jekk wiehed jiskarta d-deposizzjoni ta' Zammit f'dana l-kaz, ma hemm ebda prova, diretta jew indizzjarja, kontra l-appellant Farrugia fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni.

Pero` s-sentenza ta' l-ewwel qorti tippekka f'aspett iehor. Id-derubata, Catherine Saydon, xehdet fil-21 ta' Frar, 2000 (fol. 95) u b'mod inekwivoku irtirat il-kwerela li hija kienet originarjament ghamlet (ara d-deposizzjoni ta' l-Ispettur Simon Galea a fol. 87). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, qalet hekk:

"Stante dan l-imputat Farrugia ghandu jinstab hati ta' serq u ftit jimporta li d-derubata, ommu, hafritlu. Ir-reat ta' serq huwa azzjonabbli "ex officio" u mhux mehtiega l-kwerela".

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, dan ma hux ghal kollox korrett. Huwa veru li <u>bhala regola</u> ir-reat ta' serq hu azzjonabbli *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva, pero` ghal din ir-regola hemm l-eccezzjonijiet kontenuti fl-Artikoli 331 u 332 tal-Kodici Kriminali. Huwa l-Artikolu 332 li huwa applikabbli f'dana l-kaz. Dana jipprovdi li, hlief fil-kazijiet imsemmijin fl-Artikoli 316 (hruq b'perikolu tal-hajja), 317 (hruq b'perikolu komuni) u 318 (hruq bla perikolu ghall-hajja tan-nies) l-azzjoni kriminali ma titmexxiex minghajr il-kwerela tal-parti offiza, ghar-reati li jsiru kontra hwejjeg ta' l-axxendenti jew kontra hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja ta' l-axxendenti, jew ta' l-ahwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi zwieg fl-istess grad, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omicidju, offiza fuq il-persuna (minbarra offiza hafifa u ta' importanza zghira), jew ma' sekwestru tal-persuna. F'dan il-kaz, ghalhekk, <u>kienet mehtiega</u> l-kwerela ta' Catherine Saydon; u galadarba din irrinunzjat ghall-kwerela kif kellha kull dritt li taghmel (Art. 545(1), Kap. 9), l-azzjoni fir-rigward ta' l-akkuza ta' serq kellha tigi dikjarata estinta. Bhala konsegwenza, l-ewwel qorti anqas setghet issib lil Farrugia hati skond it-tielet u l-hames imputazzjonijiet peress li dawna kienu necessarjament jiddependu minn sejbien ta' htija fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti li tirrigwarda lill-appellant Jeremy Farrugia billi thassarha u tirrevokaha fejn sabet lill-imsemmi Farrugia hati skond l-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet kif ukoll fejn ikkundannatu sentejn prigunerija, u ghalhekk tilliberah minn dawk l-imputazzjonijiet u minn dik il-piena; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

U peress li, ghall-anqas skond l-atti li ghandha quddiemha din il-Qorti, jidher li l-Ordni ta' *Probation* tat-28 ta' Lulju, 1999 ghadu fis-sehh, tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur